DEĊIŻJONI (UE) 2020/137 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Jannar 2020

dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2020/3)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u b'mod partikolari l-Artikolu 29.3 u 29.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") issottometta n-notifika tiegħu dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data ta' wara d-data msemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1810 tal-Kunsill Ewropew ([1]). Mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-Bank of England (BoE) ma jibqax ikun bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru u għalhekk tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Applikazzjoni tal-Artikoli 29.3 u 29.4 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") jeżiġi l-aġġustament tal-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(2) L-aħħar aġġustament tal-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ sar fl-2018 b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/27) ([2]), li għalhekk għandha titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tqarrib

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dejta statistika sabiex tintuża fl-aġġustament tal-iskema tal-kapital u l-figuri ma jlaħħqux il-100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun ta' anqas minn 100 %, billi jiżdied 0,0001 ta' punt perċentwali mal-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatt, jew (ii) jekk it-total ikun ogħla minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq eżattament il-100 %.

Artikolu 2

Ponderazzjonijiet fl-iskema tal-kapital

Il-ponderazzjoni assenjata lil kull bank ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital deskritta fl-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ għandha tkun skont kif ġej b'effett mill-1 ta' Frar 2020:

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1810 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tad-29 ta' Ottubru 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 278 I, 30.10.2019, p. 1).

([2]) Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/28 (BĊE/2018/27) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 178

Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	2,9630 %
Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)	0,9832 %
Česká národní banka	1,8794 %
Danmarks Nationalbank	1,7591 %
Deutsche Bundesbank	21,4394 %
Eesti Pank	0,2291 %
Central Bank of Ireland	1,3772 %
Bank of Greece	2,0117 %
Banco de España	9,6981 %
Banque de France	16,6108 %
Hrvatska narodna banka	0,6595 %
Banca d'Italia	13,8165 %
Central Bank of Cyprus	0,1750 %
Latvijas Banka	0,3169 %
Lietuvos bankas	0,4707 %
Banque centrale du Lussemburgu	0,2679 %
Magyar Nemzeti Bank	1,5488 %
Bank Ċentrali ta' Malta	0,0853 %
De Nederlandsche Bank	4,7662 %
Oesterreichische Nationalbank	2,3804 %
Narodowy Bank Polski	6,0335 %
Banco de Portugal	1,9035 %
Banca Națională a României	2,8289 %
Banka Slovenije	0,3916 %
Národná banka Slovenska	0,9314 %
Suomen Pankki	1,4939 %
Sveriges Riksbank	2,9790 %

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u revoka

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2. Id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2018/27) hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Frar 2020.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2018/27) għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Jannar 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE